MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 439/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Miriam Caruana**

**Kumpilazzjoni numru 439/2011**

Illum, 7 ta’ Novembru 2011

Il-Qorti,

Miriam Caruana bint missier mhux maghruf u Sally (Salvina) Caruana, imwielda Pieta’ fl-20 ta’ Novembru 1983, residenti 35 Triq il-Gendus, Belt Valletta u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 14784M.

Akkuzata talli f' dawn il-gzejjer nhar is-6 ta' Novembru, 2011 gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll fl-hinijiet differenti u fi bnadi ohra f' Malta:-

1. Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f' dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika f' dan il-gzejjer medicina (Cannabis Grass), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat tali assocjazzjoni;
2. Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mil-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;
3. Ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt mertu mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh u bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta
4. U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita' legittima dahlet jew ipprovat iddahhal f' xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett, ikun li jkun li huma projbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garret jew ipprovat iggorr xi oggett bhal dawk barra min xi habs, u dan bi ksur ta' artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli saret recidiva b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
6. Talli kkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mil-magistrat Dr J Apap Bologna LL.D nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
7. Talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr J Apap Bologna LL.D nhar il-15 ta' Dicembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

8. Talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mil-magistrat Dr Edwina Grima LL.D nhar il-21 ta' Gunju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali mghoti ai termini ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kunsens ta'l-istess Avukat Generali mghoti ai termini ta'l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a), 22(1)(f) u it-tieni proviso ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, u l-fedina penali taghha. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputata ikkoperat ml-pulizija b'mod li ghandu japplika fil-konfornt taghha l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet a' Malta, l-artikoli 8(a),

22(1)(f) u it-tieni proviso ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija u multa ta' hames mitt Euro (€500) ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-seba' u t-tmien imputazzjoni f'liema terminu ta' prigunerija hija inkluz l-piena ghar-reati li taghhom instabet hatja permezz tas-sentenzi tal-15 ta' Dicembru 2009 u 21 ta' Gunju 2011 u li dwarhom b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 l-Qorti trattat ma'l-imputata permezz tas-sentenza odjerna; u fir-rigward tas-sitt imputazzjoni il-Qorti, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed taghzel li ddahhal fis-sehh it-tlett (3) xhur prigunerija imposti permezz tas-sentenza datata 8 ta' Gunju 2010.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-imputata tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega kontra l-vizzju tad-droga inkluz dak li tibda programm ta' riabilitazzjoni fi stadju opportun.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------